# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis (19) ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru 420/12 FDP**

**Natalino Fenech**

**vs**

**Kurt Farrugia**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-10 ta' Dicembru 2012 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghal '*spot*' illi deher fuq l-istazzjoni One Television f'diversi granet u hinijiet, fosthom 15 ta' Ottubru 2012, sahaq illi tali '*spot'* kien intiz sabiex jtellef jew jimmalafama r-reputazzjoni tieghu, u dana bi ksur tal-Artikolu 3 u 28 tal-Kap 248. Kien ghalhekk illi huwa talab illi dina l-Qorti tiddikjara tali spot bhala malafamanti fil-konfront tieghu u ghalhekk tikkundanna lill-intimat, bhala editur registrat ta' l-istazzjon One Television, ihallsu danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat id-DVD ippresentat mir-rikorrenti.

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimat ippresentati fl-14 ta' Jannar 2013 fejn cahad it-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt filwaqt illi sahaq illi l-pubblikazzjoni hija intiza bhala kritika politika tal-Partit Laburista dwar materja ta' interess pubbliku attwali u accettabbli f'socjeta demokratika, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem kif ukoll that il-Ligi ta' l-Istampa. L-intimat sahaq ukoll illi l-ispot tikkontjeni kummenti jew opinjonijiet li l-pubblikazzjoni tiegu tammonta ghall espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament jew value judgment ta' l-awturi ta' l-ispot u hija fair comment maghmul in buona fede fuq materja ta' interess pubbliku.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Simon Manicaro**, rappresentant tal-Awtorita' tax-Xandir, moghtija fil 31 ta' Mejju 2013.

Rat l-affidavit ta' **Natalino Fenech** ippresentat fil 31 ta' Mejju 2013 flimkien ma' dokumentazzjoni esebita flimkien ma' l-istess affidavit.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' **Dr Simon Manicaro** moghtija fit 23 ta' Settembru 2013 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet il-kontro ezami ta' **Dr Simon Manicaro** moghtija fil 11 ta' Novembru 2013.

Semghet ix-xhieda ta' Natalino Fenech ippresentat fil 11 ta' Novembru 2013 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Ra l-affidavit tal-**Professur Joseph Mary Pirotta** ippresentat fis 16 ta' Dicembru 2013

Ra illi fis 16 ta' Dicembru 2013 ir-rikorrenti iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Sema ix-xhieda in kontro ezami ta' Natalino Fenech illi sar fl-10 ta' Novembru 2014.

Ra illi fit 22 ta' Gunju 2015, wara illi l-Qorti kienet akkordat seba differimenti ghall-provi ta' l-intimat u kull ma kien sar kien il-kontro ezami ta' l-intimat f'seduta minnhom, il-Qorti iddikjarat il-provi intimati bhala maghluqa u ddifferit il-kawza ghas-sottomissjonijet tar-rikorrenti.

Ra is-sottomissjonijet bil-miktub tar-rikorrenti illi saru fis 27 ta' Lulju 2015.

Sema t-trattatazzjoni orali da' parte tal-konsulent legali ta' l-intimat illi saret fit 8 ta' Ottubru 2015, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-intimat kien ghamel zmien, bejn Jannar 2008 u Marzu 2013, bhala Head of News tan-Newsroom tal-Public Broadcasting Services.

Jirrizulta illi, bhala Head of News ta' l-istazzjoni televiziv u radjofoniku nazzjonali, ir-rikorrent kien ikun kritikat mill-Partit Laburista u dana b'konnessjoni mal-mod illi huwa kien imexxi l-Ahbarjiet ta' dana l-istazzjoni, fost affarjiet ohra.

Jirrizulta illi f'Dicembru 2012, meta l-kampanja elettorali ghall-elezzjoni ta' Marzu 2013 kienet ghaddejja sew, il-Partit Laburista xandar 'spot politiku' fuq it-televizjoni tieghu, One Television, fejn tali spot jaqbad siltiet minn intervista li l-istess Natalino Fenech kien ta' f'dokumentarju illi kien thejja mill-istess PBS in okkazzjoni tac-celebrazzjoni tal-50 sena ta' Televizjoni f'Malta, u filwaqt illi jipproduci video bir-rikorrenti jghid zewgt siltiet qosra li kien qal fl-istess intervista, dana l-ispot jghaddi biex jikkummenta dwar l-operat ta' Natalino Fenech bhala editur tal-PBS filwaqt illi jattakka ukoll il-kontroll illi l-gvern tal-gurnata, imsejjah GonziPN, kellu fuq il-mezzi tal-PBS.

Tali spot isemmi varji persuni, apparti ir-rikorrenti, fosthom Anton Attard, il-Kap Ezekuttiv tal-PBS, il-Profs Joe Pirotta, Kap tal-Bord Editorjali tal-PBS, Pierre Portelli u Lou Bondi, illi kienu jippresentaw programmi fuq il-PBS, u jghid illi "*GonziPN jikkontrolla l-ahbarjiet u l-programmi ta' grazzjiet kurrenti fuq il-PBS.*"

Jirrizulta illi ir-rikorrenti hassu malafamat bil-mod illi huwa gie deskritt u kif intuzaw uhud mill-kliem illi kien qal, stante illi sahaq illi dawna ittiehdu barra minn lokhom u intuzaw kontra tieghu.

**Ikkunsidrat**

L-ispot politiku jiehu zewgt siltiet illi qal ir-rikorrenti, u dawna kienu s-segwenti '*Jiena, meta mort il-PBS, kont determinat li nrid nibdel il-mod kif isir il-bullettin tal-ahbarjiet*" u "*in-nies ghandhom din l-impressjoni hazina li l-ahbarjiet iridu jkunu bbilancjati. Il-bilanc fl-ahbarjiet ma jesistix*".

L-ispot jikkummenta dwar tali siltiet billi jghid: "*Emmmm Nataino Fenech ma jaqbilx li l-ahbarjiet ikunu bilancjati. Fil-fatt GonziPN jikkontrolla l-ahbarjiet u l-programmi ta' grajjiet kurrenti fuq il-PBS. Dan jaghmlu b'nies tal-fiducja tieghu biex jassikura kontroll assolut ta' dak kollu li jxandar*".

L-ispot, f'parti minnha, ikompli jghid:

*"Gonzi jkompli jassikura l-messagg politiku tieghu bl-ghajnuna tal-Profs Joe Pirotta fit-tmexxija tal-Bord Editorjali. U flimkien ma' Natalino Fenech, ghandhom kuntatti mill-qrib ma' Richard Cachia Caruana. U li ghandhom kontroll assolut ta' x'jixxandar u ma jixxandarx".*

L-istess spot, sussegwentement, jaghmel kummentarju dwar il-kontroll illi l-gvern tal-gurnata kellu fuq l-istazzjoni PBS u, ghal darbtejn, jerggha jikkwota lir-rikorrent jghid "*Il-bilanc fl-ahbarjiet ma jeziztix*" u fl-ahhar ta' l-ispot, wara illi jerggha jipproduci il-clip fejn ir-rikorrenti jghid il-frazi fuq indikata, l-ispot jghid "*Il-PBS m'ghadux stazzjoni nazzjonali izda sar stazzjoni tal-istat immmexxi minn GonziPN"*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti thoss illi jkun opportun illi taghmel referenza ghall-intervista illi kien ghamel ir-rikorrent u li minnha l-ispot politiku ha serje ta' estratti sabiex jaghmel il-kritika tieghu – pratikament kien hemm zewgt siltiet, illi kienu s-segwenti:

"*Jiena, meta mort il-PBS, kont determinat li ridt inbiddel il-mod kif kien isir l-Ahbarjiet. Qabel mort jien, il-bulletin kien iktar dak li nghidulu notice board, bazikament dak li qed jghidu l-partiti politici, dak li qed jghidu t-trade unions, jinhadmu l-istqarrijiet li kien hemm. Kienu jsiru stejjer, imma l-Ahbarjiet kienu bbazati fuq id-diarju ta' x'qed jigri dakinhar"*

*"In-nies ghandhom din l-impressjoni hazina li l-ahbarjiet iridu jkunu bbilancjati. Il-bilanc fl-ahbarjiet ma jesistix. Fl-ahbarjiet jeziztu ahbarjiet. Jew hi ahbar jew mhix ahbar. U ghalhekk ahna hafna mill-attivitajiet tal-gvern ma nirrappurtawhomx, ghax ma jkun fihom xejn gdid."*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta car illi mill-qari ta' dawna s-siltiet, kif ukoll wara illi wiehed jara id-dokumentarju, illi l-messagg illi ried jaghti r-rikorrent fid-dokumentarju kien ferm differenti minn dak illi attwalment hareg fl-ispot politiku tal-Partit Laburista u mxandar mill-One TV, u jidher car illi dak li qal ir-rikorrenti gie malipulat b'mod qarrieqi mill-Partit Laburista sabiex jaghmel hsara lir-rikorrenti u sabiex ipingi lir-rikorrenti f'dawl ikrah u negattiv.

Jirrizulta car mid-dokumentarju illi, a kuntrarju ta' dak illi kienu qed jallegaw il-Partit Laburista, il-hsieb tar-rikorrenti kien proprju illi l-PBS ma jibqax ghodda tal-Gvern tal-gurnata sabiex ixandar kull attivita' illi kien qed jaghmel, u di fatti, kif jistqarr l-istess rikorrenti, kien ikun hemm hafna attivitajiet tal-Gvern illi l-PBS ma kienux ixandru peress illi ma kellhom ebda 'news value' gdid.

Dana il-messagg imur diamettrikament oppost ghal dak illi kien qieghed jallega il-Partit Laburista fl-ispot politiku tieghu.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi kull partit politiku, kif ukoll persuna, ghandha dritt tghid il-veduti taghha u tesprimi l-veduti taghha f'socjeta demokratika bhalma hija dik Maltija, izda hadd ma ghandu d-dritt illi jimmanipula u jabbuza minn informazzjoni moghtija fuq il-mezzi tax-xandir biex idawarha b'mod li jghaddi messagg totalment differenti minn dik illi attwalment inghatat.

Huwa car, fil-kaz in kwistjoni, illi r-rikorrent kien qieghed jaghti messagg car illi huwa ma riedx li l-PBS tibqa ghodda tal-Gvern tal-gurnata filwaqt illi l-Partit Laburista qabad ftit kliem minn li qal l-istess rikorrenti u rrappurtahom biex jghid illi r-rikorrenti kien ghodda principali ghall-gvern tal-gurnata, GonziPN, biex ixandar biss il-messagg tal-Gvern.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent, fil-mument tal-pubblikazzjoni meritu tal-kawza odjerna, kien persuna impjegata ma' entita' pubblika u, ghalhekk, kif qalet il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Voronezhe**,

> *..... civil servants acting in an official capacity are, similarly to politicians albeit not to the same extent, subject to wider limits of acceptable criticism than a private individual (see, mutatis mutandis, Janowski v. Poland [GC], no. 25716/94, § 33, ECHR 1999-I).*

Ghalhekk, il-livell ta' kritika illi setghet issir lir-rikorrent, fil-kariga ufficjali tieghu ta' editur ta' l-istazzjoni nazzjonali, setghet tkun oghla minn dik ta' individwu privat, izda certament ma tistax tkun gholja daqs dik ta' persuna politika illi huwa suggett ghall-livell ta' kritika ferm oghla.

Jirrizulta accettat illi l-gurnalisti ghandhom obbligu illi jzommu lill-pubbliku infurmat b'dak kollu illi qieghed jigri u li jista jkun ta' interess pubbliku, u huwa fatt illi l-gurnalisti huma issa maghrufa bhala il '*public watchdog*' tal-poltici u persuni pubblici biex jigi assikurat illi l-operat ta' dawn il-persuni jkun fl-ahjar interess tal-pajjiz u tal-pubbliku in generali.

Jirrizulta, illi madanakollu, illi flimkien mad-drittijiet tal-gurnalisti, hemm l-obbligi, illi huma necesasrji sabiex jassikuraw bilanc ekwu fir-rappurtagg, u di fatti, kif qalet il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Axel Springer**

> *....freedom of expression carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the media even with respect to matters of serious public concern. These duties and responsibilities are liable to assume significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". Thus, special grounds are required before the media can be dispensed from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals. Whether such grounds exist depends in particular on the nature and degree of the defamation in question and the extent to which the media can reasonably regard their sources as reliable with respect to the allegations*

Jirrizulta car, fil-kaz in ezami, illi dak irrappurtat ossija utilizzat da parte tal-Partit Laburista, kien totalment skorrett stante illi uzaw kliem li qal ir-rikorrent biex jghaddu messagg illi kien totalment l-oppost minn dak il-messagg illi huwa attwalment kien qieghed jghaddi. Certament dana ma jistax ma jitqiex mill-Partit LAburista u l-intimat, li kien responsabbli mill-istazzjoni li xandar tali spot,

bhala attakk lejn ir-reputazzjoni tar-rikorrent, liema reputazzjoni ir-rikorrenti kellu kull dritt illi jipprotegi u l-intimat, bhala gurnalist, kellu kull obbligu illi ma jivvjolax.

**Ikkunsidrat**

L-intimat, fid-difiza tieghu, jghid illi dak hemm rappurtat kien 'value judgment', u ghalhekk accettabbli fis-socjeta Maltija.

Fil-kawza Lindon. Otchakovsky-Laurens and July deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, intqal illi:

> *"... where a statement amounts to a value judgment, there must exist a sufficient factual basis to support it, failing which it will be excessive."*

Jirrizulta bl-aktar mod car illi ma kien hemm ebda bazi fattwali illi fuqha l-Partit Laburista u l-intimat, bhala editur ta' l-istazzjoni li xandar l-ispot politiku, setghuj ghaddu 'a value judgment' ta' dak it-tip fil-konfront tar-rikorrenti, aktar u aktar meta uzaw kliem barra minn lokhom biex jghaddi messagg illi kien totalment differenti minn dak illi attwalment kien qieghed jaghti ir-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

Fl-ahhar nett, l-intimat sahaq, fit-trattazzjoni ta' l-abbli difensur tieghu, illi huwa kien biss il-persuna li xandar l-ispot politiku tal-Partit Laburista, u ghalhekk ma ghandhux jinzamm responsabbli ghal dak illi kien qieghed jghid il-Partit Laburista.

Il-Qorti kienet tkun predisposta illi taccetta tali argument stante illi hija dina il-Qorti stess illi tinsisti illi huwa d-dover tal-gurnalist illi jimpartixxi l-imformazzjoni kollha lill-pubbliku bil-ghan illi jigi informat dwar kollox.

Madanakollu, mill-provi kollha prodotti, jirrizulta illi l-intimat ma kienx biss il-persuna illi kien qieghed imexxi l-istazzjon li fuqu ixxandar dana l-ispot, izda kien ukoll wiehed mill-persuni illi ha hsieb illi jheggeg lill-kullhadd jara dana l-ispot. Dana jirrizulta bl-aktar mod car fil-'Facebook post' ta' l-istess intimat, li jidher a fol 20 tal-process, fejn, filwaqt illi jtella fuq il-pagna tieghu l-ispot tal-Partit Laburista meritu tal-kawza odjerna, jghid is-segwenti kliem:

> *"Share the clip – keep making people ware who are the people at the top calling the shots at PBS."*

Tali kumment jwassal lill-Qorti tifhem illi l-intimat ma kienx biss ix-xandar ta' l-ispot politiku fuq il-mezzi tax-xandir illi tieghu huwa kien responsabbli, izda kien ukoll qieghed attivament iqassam tali spot fuq mezzi socjali ohra, fattur illi jmur oltre l-obbligi tieghu bhala editur tal-One Television.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonjiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonjiet ta' l-intimati

**Tilqa** t-talbiet attrici u tiddikjara l-ispot illi deher fuq l-istazzjoni televiziv One Television fil 15 ta' Ottubru 2012 u granet ohra, intitolat 'Il-Bilanc fl-Ahbarjiet tal-PBS ma jeseistix' huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u filwaqt li, a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248, tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fl-ammont ta' elfejn Euro (€2,000)

**Tikkundanna** lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' elfejn (€2,000) Euro in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u spejjez kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur